MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 05/2019

It-Tnejn, 23 ta' Settembru 2019

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv
Is-Sur Ryan Debrincat – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ppresjeda l-laqgħa.

### 05.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

05.1.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina kien skużat minħabba mard fil-familja. Is-Sindku żied li għandna nitolbu għalih u għall-familja tiegħu f'dan il-mument.

### 05.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

05.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 4/2019 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

05.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

05.2.3 Il-Viċi Sindku ressqet xi emendi tal-minuti 4.5.3 u 4.7.57, u bi qbil unanimu ġew approvati u emendati.

05.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 05.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

05.3.1 Is-Sindku beda billi qal li dan l-aħħar il-bnadar ta' quddiem il-kunsill għal xi raġuni mhumiex jittellgħu. Dan sar kemm fil-festa tal-Pussess ta' l-Isqof il-ġdid, kemm fil-Btala Pubblika li għaddiet, kemm il-Ħadd li għadda u kif ukoll fil-festa ta' l-Għażżiela. Is-soltu kienu jieħdu ħsiebhom l-abbatini. Minn mindu laħaq l-Arċipriet il-ġdid, dawn m'għadhomx jitilgħu. Ġie deċiż li tintbagħat kjarifika lill-Arċipriet biex filkas jibdew jieħdu ħsiebhom il-ħaddiema tal-Kunsill.

05.3.2 Is-Sindku kompla billi qal li rridu nixtru *safety shoes* u *safety vests* ħodor lill-ħaddiema tal-Kunsill u nagħmlu l-arma tal-Kunsill fuqha. Din trid tintlibes bilfors waqt ix-xogħol. Kien hemm qbil.

05.3.3 Is-Sindku qajjem il-punt fuq il-kalata li hemm fi Triq iż-Żebbuġ, minn

Triq ta' Ċenċ 'il fuq. Il-karozzi qed joħorġu kontra l-linja biex jevitawha. Kien hemm qbil biex titbagħat talba lil Ministeru biex tittranġa mill-aktar fis possibbli.

05.3.4 Is-Sindku ressaq talba biex issir bozza ġdida fil-*playingfield* tal-Virtù. Il-ġenituri qed jiddejjqu jieħdu t-tfal hemm minħabba l-preżenza ta' ċerti persuni barranin, speċjalment filgħaxijiet. Qed ikun hemm numru konsiderevoli ta' nies, anke ħabba s-servizz tal-WIFI. Il-ġimgħa li għaddiet kien hemm ukoll xi ġlied bejniethom. Kien hemm qbil dwar dan.

05.3.5 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-ġimgħa li għaddiet, hu u s-Segretarju Eżekuttiv attendew laqgħa mal-*Gozo Action Group* dwar iskemi taħt *Leader*. Dawn l-iskemi se jibdew joħorgu fix-xhur li ġejjin u se joħorġu waħda waħda. Skema minnhom titratta dwar il-marketing ta' prodotti minn individwi u jista' jinkludu s-*salt pans*. Allavolja l-Kunsill ma' jistax japplika għal din l-iskema, ikun tajjeb jekk ninfurmaw u nagħmlu laqgħa lil mas-sidien tas-*salt pans*. Kien hemm qbil fuq dan.

05.3.6 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li bir-riforma l-ġdida dwar il-Kunsilli Lokali, trid issir laqgħa pubblika għar-residenti taż-Żebbuġ u Marsalforn. Kien hemm qbil li din il-laqgħa ssir it-Tnejn, 7 ta' Ottubru 2019 fil-5.00pm.

05.3.7 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li hemm ħajt int u niezel lejn Marsalforn mill-Kunvent tal-Patrijiet l-isfel, fuq il-wied tal-Kapuċċini li sfronda u waqa'. Dan jaqa' taħt il-Kunsill Lokali. Hi spiża kbira biex jidħol għalih il-Kunsill. Il-Ministeru ilu nfurmat. Kien hemm qbil li terġa' tintbagħat tfakkira biex jieħdu azzjoni mill-aktar fis.

05.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li se jkun hemm attivita' organizzata mill-ħanut *Mellos* nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru u dan jixtieq il-permess tal-Kunsill. Is-Sindku tenna li naraw x'attivitajiet hemm dak inhar u jekk m'hemmx attivitajiet noħorġu dan il-permess. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill, u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

05.3.9 Is-Sindku ppropona li jkun hemm aktar preżenza qawwija ta' pulizija ġewwa Marsalforn speċjalment wara l-11.00pm. Is-Sindku talab li

nerġgħu nkellmu lill-Pulizija. Is-Sur Baskal Saliba qal li hemm bżonn isiru aktar rondi. Is-Sinjura Sandra Grech tenniet li ilha tgħid lis-Supt. Maurice Curmi kemm il-darba. Kien hemm qbil li nerġgħu nfakkru lill-Pulizija.

## 05.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

05.4.1 Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:

- Semmiet li hemm il-Fondi tal-LESA, madwar €2,544 li nistgħu nużawhom. Issuġġeriet jekk bihom nistgħux ninstallaw dawl fil-promenade ta' Triq il-Wied. Kien hemm qbil li nġibu stima tagħhom u nitkellmu mas-Sur Mario Fava jekk nistgħux napplikaw għalihom.
- Talbet jekk il-parti ta' isfel tat-triq fix-Xwejni fejn qed isir il-proġett bħalissa, tistax titwessa biex ikunu jistgħu jgħaddu żewġ karozzi. Is-Sindku wieġeb li malli beda x-xogħol, kellmuh rappreżentanti mil-Lukanda *Corinthia* u enfasizzaw biex il-ħitan tas-sejjiegħ ma' jintmessewx għax huma privati. Żied igħid li jekk jitwaqqgħu jew jintmessu, jinfetaħ mandat kontra l-kunsill. Is-Sindku nnota li xtaq li titwessa t-triq imma min-naħa l-oħra ma jridx li nitilfu l-flus. Kien hemm qbil biex nerġgħu nibgħatu bil-mitkub lill-kuntrattur biex iħaffef ix-xogħol għax deħlin ħafna ilmenti.
- Infurmat lill-Kunsill li hemm bżonn ta' *traffic management plan* f'salib it-toroq faċċata tat-triq *ONE WAY* fi Triq Żaqi. Kien hemm qbil fuq dan. Tintbagħat talba lil Transport Malta.
- Talbet biex isir metru *double yellow line* fuq kull naħa tal-garaxx ta' G. Cini, 27, Triq Għajn Mhelhel, Żebbuġ. Kien hemm qbil fuq dan. Tintbagħat talba lil Transport Malta.
- Saħqet li hemm bżonn issir aktar pressjoni fuq il-kuntrattur sabiex jittranġaw kemm jista' jkun malajr il-fanali tal-Pjazza. Ġie deċiż li nerġgħu nibagħtulu bil-miktub.
- Saħqet li hemm bżonn li l-Promenade fi Triq il-Wied, Marsalforn jkun imdawwal il-ħin kollu għax qed isir użu minn sustanzi illeċiti. Hemm bżonn li l-*floodlight* li hemm titranġa u tinxtgħel. Is-Sinjura Sandra Grech qalet li kienet tkellmet ma' Supt. Curmi mill-Għassa tar-Rabat u qablu li l-problema tista' tkun il-Wifi. Issuġġeriet li tintbagħat email lil Supt. Curmi biex il-Wifi jintefa'

wara l-11.00pm. Kien hemm qbil fuq dan.

- Talbet lil Kunsill biex isir qtugħ ta' ħaxix mill-passaġġ ta' Dun Wistin. Is-Sindku wieġeb li nibagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill.
- Infurmat lill-Kunsill li hemm problema kbira ta' żibel fi Triq il-Qolla s-Safra. Is-Sindku wieġeb biex tagħtina d-dettalji tar-residenza u ninfurmaw lill-kuntrattur. Kien hemm qbil fuq dan.
- Issuġġeriet biex nippruvaw nestendu l-iskeda tal-ġbir ta' l-iskart anke matul ix-xitwa. Is-Sindku wieġeb li għandha tintbagħat talba lil *Wasteserv* minħabba li Marsalforn hu differenti minn postijiet oħra.
- Għaddiet informazzjoni li se jkun hemm bdil fil-ħinijiet tal-linja ġewwa Marsalforn. Dawn il-bidliet se jibdew mis-6 ta' Ottubru il quddiem. Matul ix-Xitwa se jibdew jgħaddu kull tlett kwarti u fis-Sajf li ġej, kull nofsiegħa. Kien hemm qbil dwar il-ħinijiet il-ġodda.
- Informat lill-membri preżenti rigward il-proposta tal-Kunsill li jsir *bollard* quddiem il-Każin tal-Banda. Is-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija għadha trid tiddeċiedi waqt laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv. Hi saħqet li jekk jiġi deċiż li jsir u terzi persuni jaħbtu ma' din il-*bollard*, għandha tkun ċara mill-bidu li kwalunkwe spejjeż kaġunati għandhom ikunu tal-Kunsill. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.
- Infurmat li l-Parroċċa talbitha jekk il-Kunsill jistax jieħu ħsieb it-trasport għall-ħarġa li l-parroċċa se torganizza għan-*Notte Bianca* li ser issir fil-5 ta' Ottubru. Is-Sindku wieġeb li nagħmlu kif sar is-sena li għaddiet, il-Kunsill iħallas it-trasport. Kien hemm qbil fuq dan.
- Fakkret lill-Kunsill fil-*Pink October*. Staqsiet x'attivita' tista' ssir biex jinġabru fondi għaż-żjara tal-*Marigold Foundation* li ser issir nhar il-Ħamis 10 ta' Ottubru. Wara diskussjoni, ġie deċiż li jsir bejgħ ta' xemgħat roża bis-*signs* ta' *Pink October* u tal-Kunsill. Il-qliegħ kollu jmur għal din il-fondazzjoni. Kien hemm qbil dwar dan.

05.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

- Talbet għall-aġġornament fuq iż-*Żebra Crossing* fi Triq il-Qbajjar. Is-Sindku wieġeb li kellem lil Perit biex jagħmel pjanta ġdida u wara tintbagħat lil Transport Malta. Nerġgħu nfakkru l-Perit.

- Staqsiet jekk kellniex xi risposta dwar meta l-Ittri se jibdew jinġabru mill-Posta tar-Rabat. Infurmata li l-ġimgħa d-dieħla suppost jibdew jinġabru mil-Posta tar-Rabat. Is-Sindku wieġeb li għandna nerġgħu nibagħtulhom biex tissolva din il-problema.
- Staqsiet x'ġara fuq it-talba ta' *patching* ta' ħdejn il-Breakwater. Is-Sindku wieġeb biex nerġgħu nibgħatulhom email.
- Talbet biex jinqata' l-ħaxix ħażin fi Triq Quċċat fiż-Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb li nibgħatu lill-ħaddiema tal-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.
- Talbet biex mill-1 ta' Ottubru terġa' tinfetaħ Triq il-Qbajjar minn *ONE WAY*. Kien hemm qbil fuq dan.
- Talbet biex tintbagħat ittra mill-Perit tal-Kunsill dwar l-ilma li ħiereġ minn Triq Barda. Jekk hemm bżonn jidħlu wkoll il-Pulizija. Kellmet ukoll lil Ministru imma ma tistax tidħol fil-privat. Is-Sindku wieġeb biex inkellmu lil Perit biex jibgħat lil Perit u sid il-blokka. Kien hemm qbil fuq dan.
- Tixtieq tkun taf jekk il-*gazebos*, il-Promenade tal-Qbajjar, t-Triq Santa Marija u parti minn Triq il-Qbajjar hux se jittranġaw mill-Ministeru. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu email b'dawn l-ilmenti lil Ministru għal Għawdex.
- Issuġġeriet, li issa li qed tittranġa l-Għassa, nistgħux nirranġaw wkoll it-taraġ. Tkellmet mas-Supt. Curmi jekk nistgħux nirranġaw dawk it-taraġ b'kollaborazzjoni mal-Pulizija u jsir istallazzjoni ta' *railing*. Is-Sindku wieġeb biex inkellmu lil Perit jekk għandniex bżonn xi permessi.
- Staqsiet kif bqajna fuq il-kaxxa tal-GO. Is-Sindku wieġeb li tkellemna ma' nies tal-GO u nfurmawna li ma tistax tinqala' bħalma ma' tistax tinqala dik ta' quddiem l-Għassa.
- Staqsiet jekk tistax tittranġa l-parti fil-*parking* li mhix bit-*tarmac*. Is-Sindku wieġeb biex issir lista ta' affarijiet, u tibagħat lil Ministeru.
- Infurmat lil dawk preżenti li qed ikollha diversi ilmenti mir-residenti dwar il-binja kollha ħadid li hemm fi Triq il-Qbajjar, barra li hija ta' sfreġju ambjentali hija ukoll ta' periklu lir-residenti. Kien hemm qbil li nkellmu l-iżviluppatur biex iħaffef l-proċess jew jitneħħa l-*iscaffolding*. Kien hemm qbil fuq dan.
- Staqsiet jekk jistax isir xi ħaġa dwar il-konkos li hemm mkisser mill-moll bil-maltemp. Is-Sindku wieġeb li għandna nagħmlu talba lil Ministeru biex jittranġa.

- Staqsiet x'sar fuq il-*parking spaces* f'Għar Qawqla. Is-Sindku żied ukoll x'sar fuq il-*parking spaces* fit-telgħa tax-Xagħra. Ġie deċiż li nerġgħu nkellmu lill-Perit.
- Staqsiet jekk nistgħux nagħmlu l-*ibins*. Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur ma' min qiegħed il-Kunsill ma jfornix dawn it-tip ta' skips.

05.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

- Talab aġġornament fuq l-ilment sabiex tinstab soluzzjoni minħabba periklu fejn hemm gallarija fi Triq il-Forn k/m Triq il-Port. Is-Sindku wieġeb li rċivejna risposta minn Transport Malta li ma jistgħux jitwaħħlu *bollards*, u ħarġu b'suġġerimenti oħra. Se nitkellmu mal-Perit u x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.
- Reġa' semma l-moll mkisser f'Għar Qawqla. Is-Sindku qal li se tintbagħat email lil Ministeru.
- Talab biex tittranġa toqba fil-pjazza li tintuża biex jitwaħħlu l-arbli tal-festa. Kien hemm qbil fuq dan.
- Talab biex tiġi nstallata bozza ġdida ħdejn ir-*roundabout* fi Triq ir-Rabat Marsalforn għax qed ikun hemm id-dlam. Is-Sindku fakkar ukoll fid-dawl taz-*zebra crossing*. Kien hemm qbil minn dawk preżenti dwar dan.
- Staqsa x'se jiġri fuq il-bankini b'dislivell fi Triq Santa Marija, faċċata ta' l-*Otters*. Is-Sindku wieġeb li hemm il-fondi tal-UIF. Is-Sindku talab biex jagħtina aktar informazzjoni dwar dawn il-bankini.
- Talab jekk tistax titnaddaf aktar minn darba f'sena l-alka li hemm fil-Qbajjar. Is-Sindku wieġeb li għandha tintbagħat talba lil Ministeru.
- Talab aġġornament dwar il-fence għall-grawnd tal-footbal. Is-Sindku wieġeb li ressaqna t-talba waqt il-laqgħa li kellna ma' l-iskola u għandna nibgħatu talba bil-miktub, biex jaraw itunix permess mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Kien hemm qbil fuq dan.
- Talab aġġornament dwar meta se jitwaħħal ir-*railing* tal-Knisja. Is-Sindku wieġeb li ngħidu lill-ħaddiema tal-Kunsill.
- Talab biex id-dawl tal-pixxina jintefa' wara l-10.00pm. Is-Sindku informa li suppost kien bit-*timer*. Niċċekkjaw mal-kuntrattur.
- Informa lill-Kunsill li l-Arcipriet staqsieh x'se jsir mis-Siġra tal-

Milied għal din is-sena. Is-Sindku wieġeb li ġa bagħat korrispondenza fuq hekk. Is-Sindku talab li ssir laqgħa dwar il-Milied malajr kemm jista' jkun.

- Talab biex isir *shower* bejn il-pixxina ta' l-*Otters* u r-*Restaurant Otters* – ħdejn il-banju ta' l-isqof. Is-Sindku wieġeb biex tintbagħat talba lil Ministeru għas-sena d-dieħla. Kien hemm qbil fuq dan.
- Informa li l-Parroċċa talbithu ukoll ħabba t-trasport għall-ħarġa għan-*Notte Bianca*. Is-Sindku wieġeb li kif wieġeb aktar 'il quddiem, nagħmlu kif sar is-sena li għaddiet, inħallsu t-trasport. Kien hemm qbil fuq dan.

## 05.5 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

05.5.1 Ċirkulari AKL 2019/093 – *Social Media.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.2 Ċirkulari AKL 2019/099 – *Invitation for Local Councillors for DELTA TECH WEEK.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.3 Ċirkulari AKL 2019/100 – Aħbar tal-mewt tas-Sur John Farrugia, missier il-Viċi Sindku s-Sur Ignatius Farrugia, Kunsill Lokali Żurrieq. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.4 Ċirkulari AKL 2019/102 – *Online Permitting System & Right of Way Mandate*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.5 Ċirkulari AKL 2019/103 – Żoni problematiċi - *Caravans*. Il-Kunsill innota l-kontenut

05.5.6 Ċirkulari AKL 2019/104 – *Priority Information visit to the EU Institutions 28-30 October 2019*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.7 Ċirkulari AKL 2019/105 – Aħbar tal-mewt ta' Sa. Mary Mumford, omm is-Sa. Josianne Cilia Mumford is-Segretarju Eżekuttiv, Kunsill Lokali Żurrieq. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.8 Korrispondenza mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat – Aħbar mewt tas-Sinjura Nikolina Bajada, omm il-Kunsillier Joseph Bajada. Il-Kunsill

innota l-kontenut.

05.5.9 Ċirkulari AKL 2019/106 – Seminar dwar Provvediment ta' Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.10 Ċirkulari AKL 2019/107 – LCA & GreenPak – *TAIEX Peer to Peer Exchange with Local Councils from Belgium*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.11 Ċirkulari AKL 2019/107 – Aħbar mewt tas-Sinjura Nikolina Bajada, omm il-Kunsillier Joseph Bajada fil-Kunsill Lokali Ta' Sannat. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.12 Ċirkulari – *Workshop on Speech Technology – 15 October – Brussels.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.13 Ċirkulari DLG – Avviż Numru 1091 fil-Gazzetta tal-Gvern 20,529 tat-3 ta' Settembru 2019 – Popolazzjoni stmata għal kull lokalita' – l-1 ta' Jannar 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.14 Ċirkulari DLG – Ismijiet ta' Toroq. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.15 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur J. Azzopardi mid-Diviżjoni Gvern Lokali dwar laqgħat fuq fondi għall-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.16 Ċirkulari DLG – *Clean up the World Campaign.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.17 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand R. Portelli mill-*Local Government Division* rigward il-fondi għall-ħsarat ikkawżati bil-maltemp. Hi tenniet li dan id-dipartiment għadu mhux infurmat jekk hux se tingħata għajnuna finanzjarja rigward dawn il-ħsarat; l-informazzjoni kienet intalbet biss bħala valutazzjoni tal-ħsarat. Il-kunsill innota l-kontenut.

05.5.18 Ċirkulari AKL 2019/109 – *LOCAL4GREEN PROJECT National Seminar Invite.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.19 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur J. Micallef dwar iż-żjara tal-Fondazzjoni *Marigold* il-Ħamis, 10 ta' Ottubru 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.20 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sa. R. Spiteri dwar *European Destination of Excellence (EDEN) Award for Health and Wellbeing Tourism*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.21 Ċirkulari AKL 2019/071 – Materjal – Seminar – Fondi għall-inizjattivi Kulturali/Soċjali mill-Fondi tal-LESA. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.22 Ċirkulari AKL 2019/111 – Stqarrija AKL – Taħrig fil-governanza u d-demokrazija għall-Membri Eletti fil-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.23 PHC Memo 19-2019 – Influenza memo 2019 – Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.24 Korrispondenza MGOZ – DTED – *World Tourism Day – Be a Tourist for a Day – Invitation.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.25 Korrispondenza MGOZ – DTED – *European Mobility Week – Active Ageing Sports Day - Invitation.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.26 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur J. Mallia fuq *modification of Council Meeting Camera Streaming in Line with new DLG directives.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.27 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur R. Camilleri mill-Wasteserv fuq *Social Marketing Campaign.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

05.5.28 Il-Kunsill irċieva talba għal *Request for Clearance*: *To widen existing pavement in front of 'Abacus Apartments', Triq il-Qbajjar, c.w. Triq ir-Rabat Marsalforn, Gozo.* Is-Sindku talab li din il-korrispondenza tintbagħat lil Transport Malta. Kien hemm qbil fuq dan.

05.5.29 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-ħaddiema tal-Librerija tar-raħal dwar xiri ta' kotba għal-librerija. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li jinxtraw dawn il-kotba.

05.5.30 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand J. Bonello rigward talba għal *Aerobic classes in Żebbuġ.* Kien hemm qbil li jsir bħalma sar is-sena li għaddiet.

05.5.31 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Arċipriet Dun Ġwann Sultana fuq l-armar tas-Siġra tal-Milied fi Pjazza l-Assunta. Kien hemm qbil li dan is-suġġett jiġi diskuss f'laqgħa separata dwar il-Milied.

05.5.32 Il-Kunsill irċieva talba mill-Parroċċa biex ikun jista' jgħin fil-ħarġa għan-Notte Bianca. Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas it-trasport għal din il-ħarġa.

05.5.33 Il-Kunsill irċieva talba mingħand Is-Sur P. Boot rigward użu ta' l-area ħaxix artifiċjali f'Marsalforn. Il-Kunsill innota l-kontenut, imma ma kienx hemm qbil il-post. Is-Sindku talab biex jagħtina post alternattiv.

05.5.34 Is-Sindku ppreżenta lill-membri tal-Kunsill ittri mill-impjegati Frances Cefai, Joanne Grima, Liliana Borg kif ukoll ittra mis-Segretarju Eżekuttiv sabiex il-bilanċ ta' *vacation leave* li ser jibqa' minn tas-sena 2019 jiġi akkumulat u mġedded għas-sena 2020. Frances Cefai se jkun baqalha 41 siegħa, Joanne Grima 24 siegħa, Liliana Borg 42.25 siegħa, filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv 90 siegħa biex jiġġeddu għas-sena 2020. Ir-raġuni li ser jibqa' dan il-*leave* hu minħabba pressjoni tax-xogħol. Il-membri tal-Kunsill approvaw dan bil-kundizzjoni li l-Kunsill jibqa' għaddej bil-ħidma tiegħu u li dan il-*vacation leave* jittieħed sa nofs is-sena 2020

05.5.35 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Gary Doyle *obo* Glass Box Bar – Band – Triq M. A. Refalo, Marsalforn – 02, 06, 09, 13, 16, 20 ta' Ottubru 2019;
- Gary Doyle *obo* Glass Box Bar – Band – Triq M. A. Refalo, Marsalforn – 17 ta' Novembru 2019;

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill, u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

05.5.36 Ilment Nru. 67/2019 – G. Tabone
Titlob biex isir *disabled parking* quddiem l-indirizz, Off Shore Aparments, Flat 1, Triq Santa Marija, Marsalforn. Kien hemm qbil fuq

dan. Tintbagħat talba lil Transport Malta.

05.5.37 Ilment Nru. 68/2019 – C. & B. Mc Grath
Jitolbu li jsir *double yellow lines* fil-post indikat fi Triq Dun Karm Cachia peress li qed jipparkjaw ta' li mod li qed jostakolaw min irid jidħol ġewwa l-garaxx. Kien hemm qbil dwar dan, u tintbagħat talba lil Transport Malta.

05.5.38 Ilment Nru. 69/2019 – J. A. Mills
Titlob isir xi ħaġa fuq il-*bricks* maqlugħin fil-promenade tal-Qbajjar; biex isir xi ħaġa u tittranġa *drop in* għax il-karozzi qed ikaxkru l-qiegħ u hemm bżonn ta' *resurfacing* fi Triq il-Qbajjar. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu talba lil Ministeru.

05.5.39 Ilment Nru. 70/2019 – J. Galea
Jitlob biex isir extension tad-*double yellow lines* eżistenti quddiem l-entratura ta' 5B, Teo's Crt, Triq ix-Xtut, Marsalforn. Kien hemm qbil dwar dan.

05.5.40 Ilment Nru. 71/2019 – C. Saliba
Jitlob biex isir xi ħaġa biex ma ssirx aktar ħsara fuq il-Qolla l-Bajda. Is-Sindku wieġeb li la darba hemm hu fil-privat, nwaħħlu tabella fit-triq. Kien hemm qbil fuq dan.

05.5.41 Ilment Nru. 72/2019 – C. Saliba
Jissuġġerixxi li jsir *traffic management plan* u *traffic float* fil-bidu ta' Triq il-Knisja. Jissuġġerixxi wkoll li tinweħel tabella li tindika 15km fis-siegħa minn quddiem id-dar parrokkjali sa barra tar-raħal. Is-Sindku wieġeb li għandna nkellmu lil Perit u wara nibgħatu talba lil Transport Malta.

05.5.42 Ilment Nru. 73/2019 – W. Cook
Titlob biex isir *disabled parking* quddiem l-indirizz, Gianella, Flat 1, Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn. Kien hemm qbil fuq dan, u tintbagħat talba lil Transport Malta.

05.5.43 Ilment Nru. 74/2019 – A. Gatt
Jitlob biex isir xi ħaġa fit-Triq Santa Marija u Triq Mieġel il-Baħar f'Marsalforn għax hemm wisq ħofor fit-triq. Issuġġerixxa biex isir xi ħaġa fil-promenade ta' Marsalforn għax hemm telqa. Is-Sindku

wieġeb biex nagħmlu talba lil Ministeru.

## 05.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

05.6.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 03/2019 għall-perjodu bejn l-24 ta' Awwissu 2019 u l-21 ta' Settembru 2019 li tammonta għal €95,519.28 ġiet approvata u ffirmata.

## 05.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 29 ta' Ottubru 2019 fil-5.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 29 ta' Ottubru 2019.

| | |
|---|---|
| *Iffirmata* | *Iffirmata* |
| Nicky Saliba | Neville Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |